**Laqgha Numru 23/K6/2011**

**Introduzzjoni**

It-Tlieta u Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 14 ta' Settembru 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli **(li wasal fil-5.45pm)**, il-Kunsilliera Lauro Fava **(li wasal fil-5.45pm)**, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-23 t'Awwissu 2011. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 19/K6/2011.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 19/K6/2011.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**10. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 19/K6/2011.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 19/K6/2011 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 19/K6/2011.

**46/4315/11/I**
11/07/2011

Email minghand id-delegat ta' Montpellier jitlob li jkun jaf min u kemm ser jattendu partecipanti ghall-isteering meeting li ser isir bejn it-12 u 13 ta' Ottubru dwar il-progett MEDSTRATEGY.

2.01. B'riferenza ghall-**Minuti 19/K6/2011** item 2.04 u ghall-**Minuti 18/K6/2011** item 8.31 fejn il-Kunsill kien approva li ghandhom jattendu l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ghal din il-laqgha u jekk xi hadd ma jkunx jista', ghandu jattendi s-Sindku jew xi kunsillier iehor minflok, kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien talab lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli flimkien mal-Kunsillier Joe Brincat biex sal-15 ta' Settembru jikkonfermaw mas-Segretarju Ezekuttiv biex jibda jaghmel il-preparamenti mehtiega ghal dan il-meeting, il-kelliem qal li s'issa hadd ma ta' twegiba u talab biex ir-risposta ghandha tasal sa qabel nhar il-Gimgha 16 ta' Settembru sabiex ikunu jistghu jigu avvicinata membri ohra tal-Kunsill.

2.02. Il-Kunsillier Joe Brincat ikkonferma li huwa kien ser jippartecipa.

2.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li hija m'ghandhiex tigi avvicinata fl-ahhar mument bhal ma gara fil-kaz tal-mawra ta' Roccalumera. Il-kelliema qalet li r-rapprezentanti tal-Kunsill ghandhom ikunu ugwali miz-zewg partiti membri fil-Kunsill u mhux dejjem isiefru l-Kunsilliera tal-PL.

2.04. B'riferenza ghall-**Minuti 19/K6/2011** item 2.09 u ghall-**Minuti 18/K6/2011** item 13.05 fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li ser issir spezzjoni sabiex tkun tista' tinhareg il-works order ghall-qlugh tal-palm kif ukoll li kien ippropona wkoll li jigu ffirmata l-kuntratti rispettivi ladarba ssir l-ispezzjoni u jinhargu l-works orders relatata, is-Sindku Joe Zammit informa lill Kunsill li din l-ispezzjoni kienet ghada ma saritx ghax xtaq li jassisti mieghu xi Kunsillier.

2.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lis-Sindku li jekk jinfurmha minn qabel, hija tkun lesta li taghmel l-ispezzjoni flimkien mieghu.

| | |
|---|---|
| **46/4782/11/I**<br>05/08/2011 | Email minghand Roccalumera fejn baghtet xi prezzijiet ghall akkomodazzjoni gewwa l-lukanda La Piramide bejn it-3 u l-5 ta' Settembru kif ukoll infurmaw lill-Kunsill li t-trasport mill-ajruport ghal-lukanda u lura ser ikun provdut minnhom minghajr hlas. |

2.06. B'riferenza ghall-**Minuti 19/K6/2011** item 6.62 u ghall-korrispondenza numru **46/4782/11/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li ghandha tintbaghat cirkulari lir-residenti ghal min jixtieq jattendi ghal din il-mawra skond ir-rati provduti minn Roccalumera kif ukoll li l-vjagg ghandu jsir bil-bahar permezz tal-Virtu Ferries, kif ukoll fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li la darba ma setax jattendi biex jakkumpanja l-grupp minhabba xoghol wara li kien wera interess, kif ukoll wara li kien hemm il-hsieb li l-grupp jigi akkumpanjat mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, izda minhabba mpenji personali ma setghetx, kif ukoll fid-dawl li Roccalumera ma provdew ebda programm, is-Sindku Joe Zammit informa lil-Kunsill li din l-attivita' kellha tithassar.

2.07. B'riferenza ghall-**Minuti 19/K6/2011** item 8.03 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona biex nhar it-Tnejn 19 ta' Settembru 2011 issir din l-attivita' fejn nitilqu minn Malta mal-vapur ta' l-4.30 pm, ninzlu nghumu, wara ikla, wara l-ikla dawra m'Ghawdex u jekk ikun hemm xi festa nzurugha u wara xi hin lura lejn Malta, is-Sindku Joe Zammit qal li minhabba l'issa m'ghadx hemm cans bizzejjed, il-kelliem ippropona li din l-attivita' tithassar.

2.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.10. B’riferenza ghall-**Minuti 19/K6/2011** item 10.17 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-kuntrattur Philip Seguna ghandu jintalab li sa l-ahhar t’Awwissu ghandha titpogga skip quddiem Blk 7 fi Triq l-Imhallef William Harding u wara l-Kunsill jara jekk issirx dik ta’ Triq Tobruk, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kuntrattur ghandu jkollu l-ammont ta’ skips skond kif stipulat fil-kuntratt u allura pproponiet li ghandha titpogga dik ta’ Triq Tobruk ukoll.

2.11. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li wahda mill-iskips li hemm fi Triq Burma hija miksura u nofsha mahruqa. Il-kelliem informa wkoll lill-Kunsill li dik ta’ Triq l-Imhallef William Harding kienet tpoggiet nhat it-Tlieta 30 ta’ Awwissu.

2.12. Is-Sindku Joe Zammit issekonda l-proposta tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u zied li ghandha tigi rrangata jew mibdula l-iskip ta’ Triq Burma kemm jista’ jkun malajr u sa mhux aktar tard mill-ahhar tax-xahar.

2.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.14. B’riferenza ghall-**Minuti 19/K6/2011** item 10.40 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona l’issir tombla BBQ night nhar it-Tnejn 29 ta’ Awwissu fil-parkegg ta’ hdejn il-Kunsill fejn il-prezzijiet m’ghandhomx ikunu t’aktar minn €15.00 ghall-kbar u €12 ghat-tfal, liema prezz jinkludi l-ikel, xorb (it-tfal - burgers u zalzet, il-kbar laham u tigieg, luminata u tazza nbid + antipasto ghal kull persuna) u entertainment, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li wara konsultazzjoni mal-Kunsilliera gie deciz li din l-attivita’ tithassar minhabba li ma kienx hemm konkorrenza bizzejjed mir-residenti.

## 03. Tqeghied ta’ dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 62/2011** b’rapport t’azzjonijiet mehuda bejn laqgha 19/K6/2011 u 20/K6/2011 **(Ara Dok. A); Internal Memo 63/2011** b’rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 19/K6/2011 u 20/K6/2011 **(Ara Dok. B); Internal Memo 64/2011** b’rapport tal-laqgha li saret mal-kuntrattur Shawn Farrugia **(Ara Dok. C), Internal Memo 65/2011** b’rapport tal-laqgha li saret mas-sur Silvio Abela ta’ Adventure Camping **(Ara Dok. D), Internal Memo 66/2011** b’rapport tal-ftuh tal-kwotazzjonijiet 26 u 27/2011 u t-tenders 05 sa 11/2011 **(Ara Dok. E) u Flyers** dwar l-attivita’ tal-BBQ, Mawra f’Roccalumera u Camping ghaz-zghazagh. **(Ara Dok. F, G u H)**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 3. Il-kelliem qal li minhabba s-sitwazzjoni medika li ghaddej fiha bhalissa jixtieq jiskuza ruhu jekk wegga’ lil xi hadd b’ghemilu u talab li d-diskussjoni fil-Kunsill ghandha tkun wahda sana u civili u talab li kulhadd ghandu jkollu dritt jesprimi l-pozizzjoni u l-opinjoni tieghu fejn kulhadd ghandu jerfa’ r-responsabilita’ ta’ dak li jghid.

4.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat xtaqet tkun taf x’gara biex is-Sindku qed jaghmel dan l-istatement.

4.03. Is-Sindku Joe Zammit qal li prezentament ma jhossux jahdem komdu f’dan il-Kunsill.

4.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li l-Kunsill ghandu jistaqsi lid-Direttur ghall-Gvern Lokali dwar it-triq il-quddiem fejn stqarret li forsi l-ahjar haga tkun li jkun xolt il-Kunsill.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-11 ta' Awwissu 2011 u l-14 ta' Settembru 2011 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

***6.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Lauro Fava waslu fil-5.45pm.***

**46/4701/11/I** 01/08/2011 **46/4754/11/I** 04/08/2011 — Memo 66/2011 mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar skema ta' finanzjament ghal-titjib fil-playing fields ezistenti li taghlaq fit-28 ta' Ottubru 2011.

6.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4701/11/I u 46/4754/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill japplika taht din l-iskema biex jizdied mal-fond tal-UIF. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill ghandu jivverifika ma' l-AKL dwar f'hiex wasal l-appell li kien ghamel is-sur Mario Mallia kontra d-decizjoni tal-Kunsill.

6.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li l-Kunsill ghandu jikkomunika mal-Perit tal-Kunsill biex jigi vverifikat ir-rapport li kien sar meta saret l-applikazzjoni ghall-fondi tal-UIF.

6.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4780/11/I** 05/08/2011 **46/4837/11/I** 09/08/2011 — Email minghand l-AKL jitlob il-kummenti tal-Kunsill dwar Swieqi Pubblici sa qabel is-16 ta' Settembru 2011.

6.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4780/11/I u 46/4837/11/I** is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsilliera li ghalkemm f'Pembroke m'hawnx suq miftuh, xorta kull Kunsillier huwa mistieden biex jghaddi l-kummenti tieghu sa qabel is-16 ta' Settembru lis-Segretarju Ezekuttiv biex jintbghatu lill-AKL.

**46/4838/11/I** 09/08/2011 — Email minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn baghtu l-formola ta' registrazzjoni ghall-EGOV4U.

**46/4841/11/I** 09/08/2011 — Email minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-Memo 60/2011 - Skema EGOV4U ghall-Kunsilli Lokali nformaw lill-Kunsilli li kull minn huwa nteressat ghandu jibghat l-applikazzjoni sas-16 ta' Awwissu 2011.

**46/4984/11/I** 18/08/2011 — Email mill-AKL fejn baghtu l-applikazzjoni ghal EGOV4U fejn il-Kunsill jista' jibbenefika sa massimu ta' 10 kompjuters refurbished l-importanti li ghal kemm napplikaw ikollna spazju u mwejjed ghalihom.

**46/4993/11/I** 19/08/2011 — Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-email li baghtu l-AKL dwar il-kompjuters refurbished li ser jinghataw b'xejn

talbet biex napplikaw immedjatament.

**46/5012/11/I** 22/08/2011 — Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn talab sabiex napplikaw ghall-iskema ta' kompjuters b'xejn jekk id-data ta' l-iskadenza tigi qabel il-laqgha tal-Kunsill.

6.07. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4838/11/I, 46/4841/11/I, 46/4984/11/I, 46/4993/11/I u 46/5012/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kif kien approva l-Kunsill, l-applikazzjoni kienet imtliet u s-Segretarju Ezekuttiv kien mar biha d-Dipartiment personalment biex tasal fil-hin. Il-kelliem ippropona biex il-Kunsill japplika fl-iskema tal-MCA ghall-provvista ta’ kompjuters.

6.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4850/11/I**
**46/4926/11/I** 10/08/2011 — Email mis-Segretarjat ta’ l-Onor. Dr. Chris Said fejn b'riferenza ghall-attivita' kulturali li ser issir bit-titolu 'Play me, I'm Yours' li ser issir bejn il-21 ta' Settembru u 9 ta' Ottubru nfurmaw lill-Kunsilli li erba' Kunsilli biss urew l-interess li jippartecipaw u qed theggeg iktar Kunsilli jippartecipaw.

6.10. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4850/11/I u 46/4926/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill Lokali Pembroke ghandu jippartecipa f’din l-inizjattiva jekk dan l-orgni jkun jista’ jitpogga fuq gewwa.

6.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u staqsiet jekk jistax jitpogga fuq gewwa fl-ufficcju tal-Kunsill.

6.12. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kien ikkomunika ma’ l-Avv. Jean-Pierre Gauchi Maistre fejn dan infurmah li l-Kunsill ser ikun qed jigi mitlub li jipprovdi trasport minn warehouse sa fuq il-post tal-pjanu, prefebilment jitpogga f’xi post fejn ikun hemm moviment ta’ nies u li jkun hemm xi CCTV kif ukoll li jekk ikun possibbli jkun hemm persuna li tiehu hsieb li tghatti l-pjanu f’kaz li jkun il-maltemp.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4851/11/I**
**46/4927/11/I** 10/08/2011 — Email minghand JFF Solar fejn informa lill-Kunsill bis-solar street lights li joffru.

6.14. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4851/11/I u 46/4927/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jiltaqa’ ma’ rapprezentant tal-kumpanija sabiex jaraw il-prodotti offruti kif ukoll jigi offrut il-possibilita’ li jekk jixtieq, jaghmel progett pilota fil-lokal.

6.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4855/11/I** 10/08/2011 — Email minghand il-Malta Basketball Association fejn informaw lill-Kunsill bil-Basketball for Juniors u talbu l-kollaborazzjoni u s-sapport tal-Kunsill biex isir xi tornament fil-lokal.

6.17. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4855/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ippropona li l-Kunsill jiltaqa’ maghhom dwar il-possibilita’ li l-Kunsill jiehu sehem f’din l-inizjattiva kif ukoll li, jekk ikun hemm il-bzonn, isir leaflet u jitqassam fid-djar.

6.18. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4876/11/I** 11/08/2011 Formoli mimlija minghand ir-residenti ta' Triq Salvatore Castaldi rigward jekk jaqblux jew le bil-bdil fid-dhul u hrug tal-garaxxijiet.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4876/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet ghall-informazzjoni tal-Kunsilliera.

6.21. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa x'pozizzjoni ser jiehu l-Kunsill meta dawk li wiegbu huma maqsuma opposti ta' xulxin.

6.22. Fid-dawl ta' dan il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li d-dhul u l-hrug ghandhom jinqalbu sabiex jittaffa t-tniggiz kif ukoll sabiex ma jkunx hemm periklu ghal min jaghmel uzu mill-bankina.

6.23. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li l-Kunsill m'ghandu ebda gurisdizzjoni fuq il-garaxxijiet.

6.25. Wara diskussjoni li kien hemm, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lill-Awtorita' tad-Djar li wara l-konkorrenza li kien hemm qed jitlob lill-Awtorita' biex tiehu kaz tat-talbiet tan-nies vis-a-vis il-periklu u tniggiz li qed ikun hemm.

6.26. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4877/11/I** 12/08/2011 Ittra mill-Qorti, minghand is-Sur Vincent Norman Mifsud u Fiona konjugi Mifsud li joqghodu 'Martellina' 26, Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' fejn talbu likwidazzjoni tad-danni u l-hlasijiet dovuti ghall-hsarat li soffrew meta saret hsara fil-mains.

6.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4877/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill l'immedjatament is-Segretarju Ezekuttiv ha azzjoni u nforma b'dan lill-Avukat tal-Kunsill. Fid-dawl ta' dan il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu japprova li jsir il-hlas dovut.

**46/4921/11/I** 16/08/2011 Kwotazzjoni ta' €110 ghal servizz ta' daqq bil-kitarri u l-mandolina nhar id-29 t'Awwissu 2011 minghand is-sur Edward Cachia.

6.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4921/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li dan is-servizz mhux ser jintuza la darba l-attivita' thassret minhabba li ma kienx hemm konkorrenza bizzejjed mir-residenti.

**46/4923/11/I** **46/4928/11/I** 16/08/2011 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-festa Gemellaggi 2011 informaw lill-Kunsill li Networking Session qed tigi ppjanata l'issir fis-27 u 28 ta' Novembru 2011.

6.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4923/11/I u 46/4928/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li Pembroke ghandu jiehu sehem f'din in-Networking Session u jigu mistiedna wkoll jippartecipaw il-Kunsilli li huma gemellati.

6.31. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4933/11/I** 16/08/2011 Email minghand McDonalds fejn informaw lill-Kunsill li bejn is-16 u 18 ta' Settembru ser ikunu qed inaddfu numru ta' area bhala 'Clean up the World

weekend' u talbu nikkonfermaw li t-tindf fil-lokal ta' Pembroke ser ikun nhar is-17 ta' Settembru 2011 bejn id-9.00am u l-11.00am.

6.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4933/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-data kif approvata precedentament ghandha tinbidel mill-24 ghas-17 ta' Settembru minhabba li l-organizzaturi ser jallokaw dawn it-3 t'ijiem ghal din l-attivita'.

6.34. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4943/11/I** 17/08/2011 Ittra bl-avukat minghand is-sur Joseph Caruana fejn ikkonferma bil-gurament l-istqarrija li ghamel flimkien mas-sur Karmenu Mazzitelli nhar id-9 ta' Awwissu 2011.

6.36. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4943/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li kien qed jirriserva d-dritt li jiehu dawk il-passi kollha li taghtih il-ligi biex jissalvagwardja l-unur u l-integrita' tieghu fil-konfront ta' din l-istqarrija.

**46/4944/11/I** 17/08/2011 Kwotazzjoni minghand is-Seashells ghal nofs ta' nhar Ghawdex ghall-prezz ta' €8.50 ghat-tfal u €13.50 il-kbar.

**46/4958/11/I** 17/08/2011 Kwotazzjoni minghand il-Mariblu ghal nofs ta' nhar Ghawdex ghall-prezz ta' €5 ghat-tfal u €12 il-kbar maghhom trid izid €1.80 coach tour kull persuna prezzijiet jinkludu VAT.

**46/4970/11/I**
**46/4922/11/I** 18/08/2011 Kwotazzjoni minghand Lantern Restaurant ghal nofs ta' nhar Ghawdex ghall-prezz ta' €12.00 inkluz il-VAT ghall-adulti €8.50 ghat-tfal

6.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4944/11/I, 46/4958/11/I, 46/4970/11/I u 46/4922/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li kif gie deciz aktar kmieni din l-attivita' mhux ser issir minhabba li m'hemmx zmien.

**46/4947/11/I** 17/08/2011 Email minghand is-Sur Debattista mid-Dipartment tal-Libreriji fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar tnehhija ta' kotba large prints informa lill-Kunsill li ghalissa ma jitnehha xejn u se jkellem lil Ms. Doreen Borg Zammit sabiex tigi tara l-kotba fuq il-post.

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4947/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill jistenna l-ezitu tar-rapport ta' Ms. Doreen Borg Zammit u wara jiehu azzjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet taghha.

**46/4969/11/I** 18/08/2011
**46/5073/11/I**
**46/5074/11/I**
**46/5075/11/I**
**46/5076/11/I** 29/08/2011 Email mill-Awtorita' tad-Djar fejn talbu laqgha mal-Kunsill sabiex jigu diskussa l-materji kollha li ghandu l-Kunsill fuq problemi li jaqghu taht l-Awtorita'.

6.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4969/11/I, 46/5073/11/I, 46/5074/11/I, 46/5075/11/I u 46/5076/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona l'issir din il-laqgha biex il-Kunsill ikun jista' jressaq il-bzonnijiet tal-blokki tal-Gvern specjalment ta' ex servizzi u l-bini li nbena gdid fosthom dwar kaptelli li hemm jiccaqilqu fil-housing,

madum miksur tal-bankini u l-pavimentar, iz-zamma, tindif u l-manutenzjoni tad-dawl u z-zoni komuni li hemm specjalment ta’ Sit A.

6.40. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4972/11/I** 18/08/2011 Email minghand l-Ambaxxata Amerikana fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill wara li l-Kunsill approva li isir zjara ta’ kortezija mill-Kunsillier, informat lill-Kunsill li f'qasir zmien se tibghat xi dati sabiex ikunu jistghu izuru l-ambaxxata.

**46/5037/11/I** 24/08/2011 Email minghand l-Ambaxxata Amerikana fejn b'riferenza ghaz-zjara li jixtieq jaghmel il-Kunsill fil-bini ta' l-Ambaxxata l-gdida talbet biex il-Kunsill jinfurmha b'xi dati li huma konvenjenti ghalihom.

6.42. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4972/11/I u 46/5037/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din iz-zjara ghandha ssir wara li jigi l-ambaxxatur il-gdid f’Ottubru.

6.43. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.44. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, il-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvota kontra.

6.45. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/4973/11/I** 18/08/2011 Email minghand l-AKL fejn informaw lill-Kunsill li l-laqgha tas-Sindki u Vici Sindki ser issir fit-28 u 29 ta' Ottubru 2011 fil-MK Leisure Complex Luqa u baghtu formola ta' registrazzjoni.

6.46. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4973/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsilliera, jekk huma nteressata, sa l-ahhar ta’ Settembru ghandhom jibghatu lis-Segretarju Ezekuttiv x’mistoqsijiet li jixtiequ jitqajmu fil-laqgha tas-Sindki u Vici Sindki.

6.47. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4978/11/I** 18/08/2011 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar memo 70/2011 - Hlasijiet ta' dokumenti dwar l-offerti informa lill-Kunsill li la darba l-offerti hargu qabel il-memo il-Kunsill ghandu jzomm mal-prezz li kien stabilixxa.

6.49. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4978/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet ghall-informazzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4991/11/I** 19/08/2011 Affidavit ta' l-istqarrija li kien ghamel is-sur Joseph Caruana dwar it-tibjid tal-bitha ta' Juno Flats u fuq twahhil ta' gradi.

6.50. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4991/11/I** il-Vici Sindku nforma lill-Kunsill li kien qed jirriserva d-dritt li jiehu dawk il-passi kollha li taghtih il-ligi biex jissalvagwardja l-unur u l-integrita’ tieghu fil-konfront ta’ din l-istqarrija.

**46/4994/11/I** 19/08/2011 Email minghand l-Econing fejn b’riferenza ghad-dokument tas-SEAP informa lill-Kunsill li qeghdin f'diskussjonijiet ma' l-AKL u l-Joint Research

Committee tal-Kummissjoni Ewropeja biex jikkjarifikaw xi punti ta' tibdil li qed jitolbu u wara jkunu f'pozizzjoni li jemendaw is-SEAP kif mehtieg.

6.51. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4994/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet ghall-informazzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4995/11/I** 19/08/2011 Email minghand Pembroke Athleta Football Club fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jorganizzaw 'Christmas Wonderland' bejn it-2 ta' Novembru u t-30 ta' Dicembru 2011 u ghandhom bzonn juzaw parti mill-parkegg ta' fejn il-ground il-gdid sabiex jigu nstallati zewg tined u go fihom jarmaw 12 il-mejda b'affarijiet tal-Milied.

**46/4997/11/I** 19/08/2011 Email minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-email li baghtu Pembroke Athleta dwar l-attivita' li jixtiequ jorganizzaw talbet biex tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss u nformat lill-Kunsill li hija ma sibx oggezzjoni.

6.52. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4995/11/I u 46/4997/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din l-attivita' u jsir il-hlas skond l-Att li jirregola dawn l-attivitajiet jekk hemm xi hlas dovut lill-Kunsill.

6.53. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.54. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li skond l-Att u l-Legislazzjoni Sussidjarja 441.04 dwar l-Attivitajiet li jirrikjedu l-Permess tal-Kunsilli Lokali kif emendat permezz ta' AL 119/2002, 233/2002, 37/ 2004, 426/2007, 129 u 269/2009, u 248/ 2011, il-Kunsill jista' johrog permess biss ghall-perjodu massimu ta' 10 t'ijiem. Il-kelliem informa lill-Kunsill li f'dan il-kaz it-talba fiha xahrejn u ghalhekk il-klabb ghandu jigi mitlub jirreferi t-talba tieghu lid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

6.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.56. Is-Sindku Joe Zammit qal li qabel issir l-attivita', il-klabb ghandu jigi mitlub l'issir laqgha mal-Perit tal-Kunsill dwar kif ser isir l-armar.

**46/4998/11/I** 19/08/2011 Email minghand l-AFM fejn informaw lill-Kunsill li rcievew l-ittra dwar festa familja 2012 u talbu ninfurmawhom malli jkollna aktar informazzjoni sabiex tkun tista' ssir laqgha.

6.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4998/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet ghall-informazzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5009/11/I** 22/08/2011 Email minghand Ramona Cini fejn informat lill-Kunsill bil-vandalizmu li qed jaghmlu t-tfal li jkunu qed jilghabu fil-komun fil-vicinanza ta' Blokk B2.

6.58. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5009/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandha terga' tintbaghat cirkulari lir-residenti fuq dan bhal ma' diga ntbaghtet xi sena ilu.

6.59. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li qed ikun hemm diversi tfal jiggerrew fit-toroq u ssekondat li c-cirkulari ghandha tintbaghat lir-residenti kollha tal-lokal.

6.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5017/11/I** 22/08/2011 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu Memo 72/2011 - Avviz Legali dwar l-Infurzar Lokali.

6.61. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5017/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kif kien qal fl-ahhar laqgha, il-Kumitat Regjonali beda jiffunzjona mill-1 ta’ Settembru fir-rigward tal-LES.

6.62. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda li l-Kunsill jiddiskuti s-sistema ta’ l-LES ghax mill-indikazzjonijiet li hemm jista’ jaghti l-kaz li bil-hinijiet li hemm mhux ser jintlahqu l-aspirazzjonijiet tal-Kunsill.

6.63. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Kumitat Regjonali biex biswit l-iskola primarja tal-Gvern ghandu jkun hemm is-servizz ta’ 2 Gwardjani Lokali kuljum fil-hin ta’ filghodu u filghaxija kif kien isir mill-Kumitat Kongunt.

6.64. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.65. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5022/11/I** 22/08/2011 Email mighand il-PPCD fejn b'riferenza ghall-claim tal-Kunsill fuq il-progett tal-MED Strategy baghtu xi kummenti li ghandha bzonn kjarifika fuqhom.

6.66. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5022/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li dawn il-punti jigu ezawriti mill-agenzija ZUM Coop u s-Sur Lawrence Attard li huwa ukoll kordinatur ghan-nom tal-Kunsill fuq dan il-progett.

**46/5026/11/I** 23/08/2011 Email minghand is-sur Ernst Westphal fejn informa lill-Kunsill li se jasal Malta fl-24 ta' Settembru u ghandu jikkomunika mal-Kunsill fis-26 u staqsa jekk ircivejniex xi haga mill-Ministeru.

6.67. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5026/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jiltaqa’ ma dan is-sinjur fid-data li tigi ndikata minnu.

6.68. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.69. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5034/11/I** 24/08/2011 Email minghand Pembroke Athleta Basketball Club fejn baghtu kopja ta' korrispondenza li ghaddiet bejnhom u l-President ta' Pembroke Athleta Sports Club is-sur Alex Calleja sabiex jaccetta li jirritornaw lura f'Pembroke u nfurmhom li se jibghat fuq il-gazzetti l-email arroganti li rcieva minn ghandu.

6.70. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5034/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet ghall-informazzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5048/11/I** 25/08/2011 Ittra minghand Shawn Farrugia fejn b'riferenza ghad-Default Notice li nharget talab lill-Kunsill biex jirrifondi l-flus li nqatghu minhabba li f'sitt snin u nofs qatt m’inghata Default Notice u minhabba li fill-kuntratt hemm imnizzel li t-tnaqqis ta’ 5% isir meta jinhargu ‘more than 5 but less than 11 in more than one week’.

6.71. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5048/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din l-ittra tmur ghand l-avukat tal-Kunsill biex jigwida lill-Kunsill.

6.72. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.73. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, il-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvota kontra.

6.74. Il-mozzjoni ghaddiet.

6.75. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa ghadu jaqbel li jkun hemm it-tnaqqis kif sar u dan fid-dawl ta' l-ittri li l-Kunsill kien baghat lill-kuntrattur, liema ittri qal li gew injurata mill-kuntrattur.

**46/5052/11/I** 25/08/2011 — Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn informa lill-Kunsill li ghal-laqgha mar-residenti ta' Juno Flats m'attenda hadd u se jipprepara ittra biex tintbaghat lir-residenti.

**46/5045/11/I** 25/08/2011 — Kopja ta' ittra li s-Sindku baghat wara konsultazzjoni maz-zewg Kunsillieri li kienu mieghu ghal-laqgha li suppost saret ghar-residenti ta' Juno u li ghaliha m'attenda hadd wara l'irrizulta li kienu rcievew nota minghand il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li din il-laqgha ma kienetx tghodd ghalihom u ghalhekk m'ghandhomx jattendu.

**46/5055/11/I**
**46/5068/11/I** 26/08/2011 — Zewg kopji ta' noti li rcieva l-Kunsill li jgibu l-firma tal-Vici Sindku biex ir-residenti ta' Juno Flats ma jattendux ghal-laqgha msejha mill-Kunsill ghax skond hu ma tinteressahomx.

6.76. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5052/11/I, 46/5045/11/I, 46/5055/11/I u 46/5068/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jara li terga' ssir il-laqgha mar-residenti ta' Juno Flats wara l'issir il-laqgha ma' l-Awtorita' tad-Djar.

6.77. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.78. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, il-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvota kontra.

6.79. Il-mozzjoni ghaddiet.

6.80. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li fil-jiem li ghaddew rega' kellu vendikazzjoni fuq il-vettura privata tieghu. Il-kelliem qal li ma tantx qed isib sapport mill-membri tal-Kunsill u zied li hadd ma kien ser iwaqfu milli jzomm il-korruzzjoni mill-Kunsill dament li huwa dejjem kien subghajh dritt u sostna li hadd m'huwa ser iwaqfu jkompli jivvota kontra l-korruzjoni. Il-kelliem qal li hadd m'huwa ser ibezzghu u zied li huwa ghandu l-gurament ta' lejalta lejn il-poplu u jrid izomm mieghu. Il-kelliem qal li din mhux l-ewwel, izda r-raba' darba li kellu vendikazzjonijiet fuq il-vettura tieghu.

6.81. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn kien sar il-kaz, meta kien sar u jekk kienx ghamel rapport lill-Pulizija.

6.82. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-kaz kien sar is-Sibt filghaxija u m'ghamel ebda rapport u m'ghandu ebda ntenzjoni li jaghmel dan minhabba li dawn isiru ghalxejn. Il-kelliem qal li qed isiru diversi nsinwazzjonijiet fil-konfront tieghu izda ma qed jaghmel ebda rapport

6.83. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill johrog stqarrija fil-gazzetta kontra dan l-att vandalu u jiddeplora dan il-kaz.

6.84. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.85. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.86. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li xahrejn ilu prova jigi msawwat u mhedded li jaharquh bil-familja b'kollox minn Karmenu Mazzitelli (li huwa l-haddiem tal-

kuntrattur Shawn Farrugia) u kien wara li bdew isirulu l-vandalizmu fuq il-propjeta' tieghu. Il-kelliem rega' tenna li mhux ser jibza' jkompli juri l-korruzzjoni li hawn fil-Kunsill. Il-kelliem qal li jistieden lid-Direttur ghad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u lill-Ispettur Gafa biex jerga' jibghat ghalih biex jinvestigah u dan halli jinfurmah ghala s-sur Karmenu Mazzitelli irid ihebb ghalih. Il-kelliem qal li ma marx jaghmel rapporti lill-Pulizja ghax ma jemminx bl-Ghassa ghax xorta m'huwa ser jigi solvut xejn. Il-kelliem qal li l-insinwazjonijiet li qed isiru fuqu, fuq il-kuntratti huma kollha gideb u stqarr l'alla hares joqghod jghid x'jinghad fuq is-Sindku Joe Zammit u fuq il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat. Il-kelliem stqarr li huwa mhux bahnan u mhux ser joqghod ihammeg lill-Kunsilliera ghax jispicaw jaqtghu rashom. Il-kelliem qal li mhux qed jikkalkula l-allegazzjonijiet li qed isiru, fosthom l-ittri tas-sur Joseph Caruana.

6.87. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li kien qed jaghmel akkuzi fil-konfront tal-Kunsill.

6.88. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-korruzzjoni li kien qed jirreferi ghaliha hija dwar il-hlas tal-kontijiet tas-sur Shawn Farrugia minhabba li s-sur Karmenu Mazzitelli mhux qed jahdem fil-lokal fil-hinijiet ta' filghodu minhabba li fil-hinijiet ta' filghodu huwa mpjegat tal-Gvern u ma jistax jersaqx lejn il-Kunsill u kull ma jaghmel huwa li jigi jara x'jaghmel is-sur Joseph Caruana. Il-kelliem irrimarka li s-sur Karmenu Mazzitelli qed jigi fil-lokal bi trakk tal-Gvern fejn qal li ghandu ritratti bhala prova ta' dak li kien qed jghid. Il-kelliem qal li ghalhekk ix-xoghol mhux qed isir u meta kien interrogat mill-Pulzija xi zmien ilu l-mistoqsija kienet kif ix-xoghol kien qed isir minn zewg persuni biss. Fid-dawl ta' dan il-kelliem staqsa kif jista' jkun li x-xoghol isir minn persuna wahda biss

6.89. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jekk kienx ghamel rapport lill-Pulizija dwar l-aggressjoni li qed jghid li kellu kif ukoll jekk huwiex issa li s-sur Karmenu Mazzitelli qed jahdem mal-Gvern.

6.90. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rega' tenna li ma jarax ghala ghandu jaghmel dawn ir-rapporti lill-Pulizija. B'riferenza ghas-sur Karmenu Mazzitelli l-kelliem qal li fil-passat is-sur Mazzitelli kien jahdem bil-lejl mal-Gvern u kien biss minn xaherejn ilu l'hawn li beda jahdem ta' filghodu u ghalhekk ma jarax kif qed japprova li qed jaghmel ix-xoghol meta mhux jersaq lejn il-lokal. Il-kelliem stieden lill-Kunsilliera biex icemplu lid-Dipartiment halli jivverifikaw. Il-kelliem qal li jekk jigi nterrogat mill-Pulzija, dak li jaf ser jisvelah. Il-kelliem zied jghid li s-sur Joseph Caruana ghamel xahar rikoverat l-isptar u ghalhekk staqsa min seta' ghamel ix-xoghol li qed jithallas ghalih il-kuntrattur. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli zied jghid li s-sur Karmenu Mazzitelli qed jigi ghax-xohgol bi trakk isfar bil-kliem fuqu Taqsima Xoghlijiet Pubblici. Il-kelliem irrimarka li (Karmenu Mazzitelli) mhux ser ibezzghu milli jiehu azzjoni.

***6.91. Fis-6.55pm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

**46/5080/11/I** 29/08/2011 Email minghand il-PPCD jitolbu numru ta' kjarifici dwar is-sottomissjoni tal-Kunsill dwar il-progett OSDDT-MED.

6.92. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5080/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li dawn qed jigu ndirizzata.

**46/5084/11/I** 29/08/2011 Ilment minghand Andre Micallef Grimaud jinforma lill-Kunsill li l-hajt li sar ricentament fi Triq Normandy u l-madwar qed jigi vandalizzat.

6.93. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5084/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan is-sinjur ghandu jinghata kopja tal-korrispondenza li l-Kunsill baghat lil TM dwar il-kaz.

6.94. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.95. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5079/11/O** 29/08/2011 **46/5085/11/I** 29/08/2011 Ittra li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lill-Avukat Generali tar-Repubblika u r-risposta tieghu dwar l-affidavit li rcieva l-Kunsill b’allegazzjonijiet dwar it-tenders li hareg il-Kunsill fejn il-parir huwa li jekk il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jew xi persuna ohra qed ihossu mhedded ghandu l-jedd li jaghmel rapport lill-Pulzija kif ukoll li jkun prudenti li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ma jkunx jifforma parti mill-Bord ta’ l-Aggudikazzjoni u dan kemm minhabba li l-imparzjalita’ tieghu tista’ tkun pregudikata kif ukoll minhabba d-dell ta’ nuqqas ta’ mparzjalita’ li l-allegazzjonijiet li saru jistghu jitfghu fuq il-process ta’ l-aggudikazzjoni.

6.96. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5079/11/O u 46/5085/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li kienu ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5094/11/I** 29/08/2011 Stima ta’ €634.50 minghand J&K Contractors biex tigi rrangata bankina quddiem Plot 7 fi Triq Camillo Sciberras.

6.97. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5094/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-istima ghandha tintbaghat lill-Perit tal-Kunsill ghall-kummenti tieghu u biex jivverifika li r-rati mitluba huma skond it-tender.

6.98. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.99. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5099/11/I** 30/08/2011 Ittra minghand TM jinfurmaw lill-Kunsill li dwar it-talba biex isir parkegg off Triq Gabriele Henin biswit l-iskola primarja, il-Kunsill ghandu jikseb il-permess minghand il-MEPA.

6.100. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5099/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob stima lill-Perit dwar kemm tigi tiswa biex issir l-applikazzjoni lill-MEPA u l-izvilupp tal-progett kif kien gie diskuss ma’ l-Onor. Ministru Dolores Cristina.

6.101. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.102. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5100/11/I** 30/08/2011 Ittra minghand TM jinfurmaw lill-Kunsill li rigward iz-zebra crossings ta’ Triq Medjez u Triq il-Profs. Walter Ganado off Triq Medjez jirrizulta li qatt ma kien hemm incidenti u gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li m’hemmx belishia lights, flood lights, road markings u tabelli u talbet li l-Kunsill jara li dawn jehlu kemm jista’ jkun malajr. Dwar iz-zebra crossing ta’ biswit l-ITS infurmat lill-Kunsill li fil-futur qarib ser ikun hemm upgrading ta’ l-area.

6.103. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5100/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob l-ispecifikazzjonijiet necessarja lil TM biex tkun tista’ tinhareg avviz ghall-provvista u l-installazzjoni ta’ dak kollu necessarja ghaz-zebra

crossings li hawn fil-lokal. Il-kelliem ippropona li jekk huwa possibbli l-avviz ghandu johrog fil-futur qarib ma' l-offerti ohra.

6.104. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.105. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/5109/11/I**<br>31/08/2011 | Email minghand l-Avukat tal-Kunsill jinforma lill-Kunsill li l-Kunsill seta' jwaqqaf il-proċess ta' Road Resurfacing ladarba ma kienx hemm kuntratt iffirmat. |
| **46/5188/11/I**<br>07/09/2011 | Ittra minghand Dr. John L. Gauci ghan-nom ta' Bonnici Brothers fejn baghat l-ahhar avviz dwar tender 2/2011, Resurfacing of Roads PPP. |
| **46/5206/11/O**<br>09/09/2011 | Email li Dr. Luciano Busuttil f'isem il-Kunsill baghat bhala risposta lil Dr. John Gauci ghan-nom ta' Bonnici Brothers rigward tender 2/2011 fejn qallu li bejn il-Kunsill u Bonnici Brothers m'hemm xejn iffirmat imma biss accettazzjoni ta' l-offerta u ghalhekk m'hemm ebda rabta legali. |

6.106. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5109/11/I, 46/5188/11/I u 46/5206/11/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| **46/5133/11/I**<br>01/09/2011 | Email minghand il-Kunsillier Lauro Fava fejn informa lill-Kunsill biex ikun skuzat ghal-laqgha tal-Kunsill ta' 22 ta' Settembru 2011. |

6.107. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5133/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| **46/5155/11/I**<br>03/09/2011 | Email minghand il-Faces Display fejn staqsew lill-Kunsill jekk ghadx ghandu l-hsieb li jigi nstallat Bus Shelter fi Triq ANZAC biex ikunu jistghu jinfurmaw lill-MEPA. |

6.108. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5155/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li Faces Display ghandhom jigu nfurmata li ghalissa l-Kunsill ma jistax jikkommetti ruhu sakemm tkun stabbilita' r-rotta minn Arriva.

6.109. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.110. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/5161/11/I**<br>05/09/2011 | Email minghand resident li joqghod fi Triq Mikiel Ang Grima fejn qed jirraporta li hemm dghajsa pparkjata f'parking bay fl-istess triq u li qeda ta' periklu ghax qed jimblokka l-bankina. |

6.111. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5161/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk sa nhar it-Tnejn 19 ta' Settembru 2011 din ma titnehhiex, nhar it-Tlieta 20 ta' Settembru 2011, il-Kunsill ghandu jiehu passi biex jara li din titnehha.

6.112. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.113. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/5165/11/I**<br>05/09/2011 | Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsilli bi zjara t'informazzjoni dwar EU gewwa Brussels ghal 3 Segretarji Ezekuttivi bejn il-5 u s-7 ta' Ottubru 2011. |

6.114. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5165/11/I** is-Segretarju Ezekuttv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara li kien ikkomunika mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, fin-nuqqas tas-Sindku minhabba li kien fuq btala, dan ta' l-ahhar ma sabx oggezzjoni biex huwa japplika ghal din l-opportunita'.

6.115. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ilmentat li l-iskrivana mhux qed jirregistraw posta nhar ta' Sibt u esigiet li l-emails li jircievi l-Kunsill ghandhom jintbaghtu mmedjatament l-ewwel xoghol filghodu.

6.116. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li diga kien ta struzzjonijiet fuq dawn il-linji.

**46/5182/11/I** 06/09/2011 Email minghand Victor Camilleri tal-Pembroke Athleta Sezzjoni Atletika fejn talbu lill-Kunsill sabiex jitqassam fuljett taghhom ma' l-ewwel tqassim li jkollu l-Kunsill.

6.117. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5182/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona lis-sur Camilleri ghandu jigi nfurmat li bl-Att dan ma jistax isir.

6.118. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.119. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5185/11/I** 06/09/2011 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu memo 83/2011 – Ordni tal-2011 li jemenda l-ordni dwar id-delega ta' infurzar lill-Kunsilli Lokali u Kumitati Regjonali.

6.120. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5185/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5186/11/I** 06/09/2011 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu memo 84/2011 dwar it-Tharis tal-Ordnijiet Permanenti waqt il-laqgha tal-Kunsill.

6.121. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5186/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5193/11/I** 07/09/2011 Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-ftuh tat-tenders baghtet ittra lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u lill-Onor. Dr. Chris Said fejn informathom bl-izball li kien hemm fil-hin u staqsiet liema hin huwa validu u liema tenders ghandhom jigu kkunsidrati peress li l-ftuh kien ga beda kif ukoll l'abbazi tad-dokumentazzjonijiet guramentati li ghandu l-Kunsill qed tqis il-process ivvizjat.

**46/5194/11/O** 07/09/2011 Email li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat il-Kunsill lid-Dipartiment rigward il-ftuh tat-tenders fejn spjega li l-izball tal-hin kien zball genwin u jekk it-tenders li dahlu bejn il-11.00am u 12.00pm ghandhomx jigu kkunsidrata.

**46/5198/11/O** 07/09/2011 Email li l-Kunsill baghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghal-ftuh tat-tenders il-Kunsill baghat kjarifika dwar l-email precedenti.

**46/5234/11/I** 12/09/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghat-tenders u minhabba l-izball ghandhom jigu nulli u jerga' jibda l-process u dawk li applikaw jigu rifuzi bil-flus.

**46/5244/11/O** Email li baghat il-Kunsill lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza

12/09/2011 ghat-tenders u ghat-telefonata li kellu mad-Direttur baghat l-ittra li l-Kunsill ircieva minghand l-AG u staqsa li jekk it-tenders jigu dikjarati nulli jistghux kuntratturi jfittxu lill-Kunsill ghad-danni.

**46/5249/11/I** 12/09/2011 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn talab lis-Segretarju sabiex qabel nhar l-Erbgha 14 ta' Settembru jibghat lill-avukat tal-Kunsill sabiex jispjega dak li gara waqt il-ftuh tat-tenders, ir-risposta tad-Dipartiment u ta' l-AG.

**46/5252/11/O** **13/09/2011** Email li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali b'kopja t'ittra li l-Kunsill kien ircieva minghand l-AG dwar l-allegazzjonijiet li kienu qed isiru.

**46/5254/11/O** 13/09/2011 Email li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lis-Sindku Joe Zammit fejn infurmah li l-Kunsill ghandu jaderixxi ma' l-istruzzjonijiet tad-Dipartiment.

**46/5260/11/I** 13/09/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jikkonferma li l-process tat-tenders ghandu jkun null.

**46/5285/11/I** 14/09/2011 Email minghand is-Sindku Joe Zammit jitlob li apparti l-pozizzjoni tad-Dipartiment, il-Kunsill ghandu jiehu parir legali dwar l-ordnijiet mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

**46/5288/11/I** 14/09/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn ghalkemm raw l-ittra li l-Kunsill kien ircieva minghand l-AG, d-Dipartiment ghandu jsostni l-pozizzjoni li l-process tat-tenders ghandu jkun null.

6.122. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5193/11/I, 46/5194/11/O, 46/5198/11/O, 46/5234/11/I, 46/5244/11/O, 46/5249/11/I, 46/5252/11/O, 46/5254/11/O, 46/5260/11/I, 46/5285/11/I u 46/5288/11/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill ghandu jaderixxi mad-direttivi tad-Dipartiment.

6.123. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa ma kienx jaqbel fil-principju u ghalhekk kellu l-intenzjoni li jitlob li l-Kunsill jiehu l-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill izda wara diskussjoni li saret ippropona li l-Kunsill jiddikjara l-process null, il-kuntratturi jigu rifuzi l-mizati tat-tenders u jergghu jinhargu tenders godda. Il-kelliem ippropona wkoll biex il-mizata ta' Tender for Professional Services of an Architect & Civil Engineer 2011/05 ghandha tkun ta' **€100.00**, il-mizata ta' Tender for Upkeep, Maintenance, Construction & Reconstruction of Roads and Pavements 2011/06 ghandha tkun ta' **€150.00**, il-mizata ta' Tender for Upkeep, Maintenance, Construction & Reconstruction of Roads 2011/07 ghandha tkun ta' **€150.00**, li l-mizata ta' Tender for Cleaning and Embellishment of Urban, Non Urban and Open Areas within Pembroke Boundaries 2011/08 ghandha tkun ta' **€150.00**, li l-mizata ta' Tender for Upkeep & Maintenance of Traffic Signs 2011/09 ghandha tkun ta' **€100.00**, li l-mizata ta' Tender for Upkeep & Maintenance of Parks & Gardens 2011/10 ghandha tkun ta' **€100.00** u li l-mizata ta' Tender for Professional Services of Contracts Manager 2011/11 ghandu johrog kif ipprezentat u l-mizata ghal kull dokument ghandha tkun ta' **€100.00**. Il-kelliem finalment ippropona li l-avvizi ghandhom jigu ppubblikati fuq il-gurnali kif kien approva l-Kunsill kif ukoll li l-offerti ghandhom jaghlqu nhar l-Erbgha 19 ta' Ottubru 2011 fin-12.00pm.

6.124. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li l-Kunsill ghandu jitlob li l-kuntratti li ser jiskadu fl-ahhar ta' Novembru 2011 ghandhom jigu estizi sa l-ahhar ta' Dicembru 2011 sabiex ma jkunx hemm ghagla fl-aggudikar tal-kuntratti.

6.125. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5195/11/I** 07/09/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-Memo 63/2011 – skemi ta' finanzjament ta' progetti specjali f'lokalitajiet zghar, talbet lill-Kunsilli jinfurmhom bl-ammont allokat mill-Kunsill ghal dan il-progett u talbu ukoll sabiex tintbghat stima minghand il-Perit.

6.126. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5195/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jerga' jfakkar lill-Perit ghall-istima kif ukoll li d-Dipartiment jigi nfurmat li l-Kunsill ser jiehu pozizzjoni ladarba jkollu l-istima.

6.127. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.128. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5200/11/I** 09/09/2011 Kopja tan-National Environmental Policy minghand is-Segretarju Parlamentari ghat-Turizmu, l-Ambjent u l-Kultura fejn talab il-kummenti tal-Kunsill.

6.129. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5200/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5202/11/I** 09/09/2011 Email minghand ta' l-OSDDT fejn baghtu 3 lukandi minn fejn il-Kunsill jista' jaghzel ghall-konferenza li jmiss gewwa Montepellier, Franza f'Ottubru 2011.

6.130. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5202/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li diga kien hemm decizjoni aktar qabel.

***6.131. Fit-8.05pm, il-Kunsillier Lauro Fava talab li jigi skuzat minhabba li s-sur Andrew Scerri huwa habib tieghu, u halla l-kamra.***

**46/5203/11/I** 09/09/2011 Email minghand is-sur Andrew Scerri fejn staqsa lill-Kunsill jistax isir BBQ x'imkien fil-lokal nhar il-Gimgha 23 ta' Settembru ghal 60 persuna u li ser idum wara nofs il-lejl.

6.132. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5203/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni u li s-sit indikat ghandu jkun dak quddiem l-ITS minhabba l-istorbju.

6.133. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.134. Il-Kunsill qabel unanimament.

***6.135. Fit-8.10pm il-Kunsillier Lauro Fava dahal lura ghal-laqgha.***

**46/5212/11/I** 09/09/2011 Email minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghar-road hump ta' Triq Burma nfurmaw lill-Kunsill li din ghandha titnehha fi zmien 30 gurnata minhabba li din tpoggiet bla permess, mhiex skond il-parametri approvati u minhabba li qeda vicin ta' kantuniera.

6.136. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5212/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din ghandha titnehha.

6.137. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.138. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5220/11/I** 09/09/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghax-xoghol tal-blokki tal-Housing Estates, nforma lill-Kunsill li l-ligi hija cara u m'hemmx x'jizdied mar-risposta li kien ta d-Dipartiment.

6.139. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5220/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.140. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill jekk dan huwiex ser jigi applikat ghal zoni ohra bhaz-zona ta' landscaping ta' Sit A.

6.141. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma jara li hemm xejn differenti u qal l'iva l-istess ghandu jigri ghal Sit A.

**46/5222/11/I** 09/09/2011 Email minghand Aden Brinn fejn staqsa lill-Kunsill jistax xi hadd imur ghalih l-airport it-Tlieta 20 ta' Settembru.

6.142. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5222/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li nhar it-23 ta' Settembru 2011 l-Kunsill jikri t-trasport sabiex jintuza ghal-laqghat li ser ikun hemm.

6.143. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.144. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.145. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill jekk humiex ser jitpoggew xi fjuri fic-cimiterji li ser issir iz-zjara fihom.

6.146. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jordna zewg poppy wreaths.

6.147. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li jekk huwa possibbli l-mawra fic-cimiterji ghandha ssir is-Sibt filghodu u jigu mistiedna jippartecipaw Pembroke Scouts.

6.148. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5223/11/I** 09/09/2011 Email minghand l-Adventure Camping Shop fejn informa lill-Kunsill li mhux ser ikun possibbli ghalih li jorganizza l-Camping fl-24 ta' Settembru minhabba li ser ikollu jsiefer fuq xoghol u ghandu jibghat xi dati ohra.

6.149. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5223/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din ghall-attenzjoni tal-Kunislliera.

6.150. Fit-8.15pm is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi sospiza l-agenda biex item 9 jigi diskuss qabel il-kumplament tal-korrispondenza.

6.151. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.152. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Approvazzjoni tal-kontijiet.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dok. I, J u K)**

9.02. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-kummenti li ghamel il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli aktar kmieni vis-a-vis il-kontijiet tas-sur Shawn Farrugia. Il-kelliem qal li ma jara xejn differenti fix-xoghol mis-snin li ghaddew u ghalhekk qal li jhoss li x-xoghol sar u m'ghandu ebda problema li japprova l-hlas tal-kontijiet kollha kif ipprezentati. Il-kelliem qal li mid-diskussjoni li saret jidher li hadd mill-Kunsilliera prezenti ma kien qed jaqbel mal-konkluzjonijiet tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

9.03. Saret diskussjoni dwar is-servizz moghti bil-water bowser. Wara din id-diskussjoni li kien hemm, kif maqbul minn dawk prezenti, is-Sindku Joe Zammit ippropona li dwar il-kuntratt tal-water bowser irrimarka li ghandha tinhareg warning minhabba nuqqas t'informazzjoni kif stipulat fil-kuntratt kif ukoll jekk tali nformazzjoni ma tkunx provduta ma' kont iehor, dan mhux ser jigi kkunsidrat ghall-hlas. Il-kelliem ippropona wkoll l-approvazjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati.

9.04. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

9.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li kemm jista' jkun malajr il-Kunsill ghandu jkollu kuntratt ghal servizz ta' maintenance ta' IT.

9.07. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

9.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06. Korrispondenza.

**46/5229/11/I** 10/09/2011 — Email minghand il-Mc Donalds fejn b'riferenza ghall-Clean up li ser jaghmlu nhar is-Sibt staqsew min mill-Kunsill ser ikun prezenti u min ser jigbor l-iskart li ser jingabar.

6.153. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5229/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li huwa u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ser ikunu prezenti.

**46/5231/11/I** 10/09/2011 — Email minghand Ms. Rebecca Vella fejn gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill ghat-traskuragni li hawn gewwa l-lokal fosthom cint vandalizzat, hmieg fejn is-sigar ta' fejn il-Kunsill u r-roundabout li ghamlu TM ghada vojta.

6.154. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5231/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintbaghat kopja tal-korrispondenza li l-Kunsill baghat fuq il-kaz.

6.155. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.156. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5237/11/I** 12/09/2011 — Email minghand l-AKL fejn informaw lill-Kunsill bin-National Volunteer Award.

6.157. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5237/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5242/11/I** 12/09/2011 — Dokument minghand Ozosystem dwar il-permessi tal-Maghtab vis-à-vis it-tender li tefghet il-kumpanija.

6.158. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5242/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5243/11/I** 12/09/2011 — Email minghand MEUSAC fejn informaw lill-Kunsill b'seminar li jgib l-isem 'Promoting the sustainable use of pesticides' li ser isir il-Gimgha 16 ta' Settembru fis-6.00pm fis-Sala tal-Kunsill Lokali Naxxar.

6.159. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5243/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li hadd mill-Kunsilliera ma jista' jkun prezenti.

**46/5253/11/I** 13/09/2011 — Seminar organizzat minn MEUSAC nhar id-29 u 30 ta' Settembru dwar Policy Understanding and Policy Implementation Skills.

6.160. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5253/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li huwa, l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat ghandhom jattendu.

6.161. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.162. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5261/11/I** 13/09/2011 — Memo 86/2011 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern lokali dwar Laqghat dwar it-Training Needs Analysis li ser isir nhar it-22 u t-23 ta' Settembru 2011.

6.163. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5261/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jattendi ghal dawn is-seminars.

6.164. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.165. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5291/11/I** 14/09/2011 — Ittra minghand TM jinfurmaw lill-Kunsill li ser isir xoghol ta' resurfacing ta' Triq Alamein u jixtiequ jkunu jafu jekk hemmx bzonn li jsir xi xoghol fuq is-servizzi.

6.166. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5291/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din l-inizjattiva kif ukoll jigu nfurmati li fejn huwa possibbli s-servizzi ghandhom isiru taht il-bankina u li jinbidlu servizzi li huma antiki u ta' zmien is-servizzi nglizi.

6.167. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.168. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5287/11/I**
**46/5293/11/I** 14/09/2011 — Email minghand il-Ministeru ghas-Sahha dwar il-Kampanja tilqim ta' l-Influwenza 2011.

6.169. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5287/11/I u 46/5293/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jippartecipa f'din l-inizjattiva u li kif sar fil-passat jintalab is-servizz ta' nurse lill-kumpanija Novitas Limited.

6.170. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.171. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghall-Minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongunt ta' l-LES.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li fl-ahhar t'Ottubru l-Kunsill jorganizza Haloween night fil-parkegg tal-Kunsill fejn jintuza l-kamp tal-Kunsill kif ukoll l'issir leaflet ghar-residenti.

8.02. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Materji ohra.

10.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet l'issir laqgha urgenti ma' TM dwar is-servizz ta' l-Arriva sa qabel nhar it-Tlieta 19 ta' Settembru u fin-nuqqas ta' dan l-Erbgha 20 ta' Settembru il-Kunsill jaghmel Konferenza Stampa biex juri l-ghadab tieghu lejn in-nuqqas ta' servizz.

10.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaghmel laqgha ma' l-Ghaqda Klieb Abbandunati u eventwalment issir attivita' edukattiva ghar-residenti.

10.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaghmel manutenzjoni tal-bankina ta' Triq Mikiel Ang Grima, permezz tal-persuna li l-Kunsill ghandu assenjat mill-ETC. Il-kelliema pproponiet li dan ix-xoghol ghandu jinbeda mmedjatament qabel jitkompla xoghol iehor.

10.08. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda

10.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jixtri madwar 30 litter bin biex jitpoggew fit-toroq tal-lokal.

10.11. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li ghandu jigi avvicinat il-Ministeru ta' l-Onor. Ministru G. Pullicino dwar il-possibilita' li jkun hemm xi tip t'ghajnuna u jekk le jingabru kwotazzjonijiet ghal dan ix-xiri.

10.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.13. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li tigi rrangata l-girna li hemm fuq il-gibjun ta' Triq il-Mediterran minhabba li qed tiggarraf.

10.14. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li ghandha tintalab stima lill-kuntrattur J&K Contractors.

10.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.16. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li biex jitkompla x-xoghol ta' road markings u zebgha tal-bankini, kien hemm il-htiega li jigi ordnat il-materjal.

10.17. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandu jinxtara l-materjal kollu li hemm bzonn.

10.18. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.20. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li biex jinzabar il-palm ta' Triq il-Mediterran, hemm bzonn l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill ghall-kiri ta' High up.

10.21. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova li l-kuntrattur jigi awtorizzat li ghas-spejjez tal-Kunsill jikri high up biex jinzabar il-palm ta' Triq il-Mediterran.

10.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.24. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa jhoss li wasal iz-zmien li c-CCTV li kien hemm fl-ufficcju ta' l-iskrivani li tkopri wkoll parti mill-entratura tal-Kunsill terga' tehel.

10.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li ma taqbilx ma dan fid-dawl ukoll li l-membri tal-Kunsill m'ghandhomx access ghar-recording ta' l-istess CCTV.

10.26. Il-membri l-ohra prezenti hadd minnhom ma deher li kien favur.

10.27. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.30pm wara li fakkar lill-Kunsilliera li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 5 ta' Ottubru fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |